MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru. 1079/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Domenic Cuschieri**

Kumpilazzjoni Nru: 1079/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Domenic Cuschieri ta' 49 sena, iben Nazzareno u Dolores nee' Sapiano, imwieled Pieta, nhar it-12 ta' Novembru, 1961 u residenti fil-fond numru 43, Ix-Xatt tal-Isla, Isla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 712161(M).

Akkuzat talli fil-15 ta' Ottubru, 2010 ghall-habta tat-08:00hrs mill-Knisja Parrokkali tal-Birgu li tinsab gewwa Triq San Lawrenz, il-Birgu, ikkommetta serq ta' donation

box liema serq ma jeccedix €232.94 izda huwa aggravat bil-mezz u bil-lok, ghad-dannu tal-Kappillan ta’ l-istess Parocca u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(e), 263, 264 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u min-naha l-ohra l-fedina penali tieghu li hija refrettarja. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat iddikjara li jixtieq jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(e), 263, 264 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja kontra l-vizju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------